



# Xbihat San Duminku fil-Birgu

## *Xhieda ta' Devozzjoni Kostanti li Tmur Lura Mijiet ta' Snin*

**minn Anton Attard**

Wara li fl-1528, il-Knisja tal-Lunzjata fil-Birgu għaddiet għand l-Ordni Dumnikan, ma setax jonqos li l-kult ta' San Duminku ta' Gusman ma jidħolx jew ikompli joktor f'din il-belt.

Konferma ta' dan hi għotja tan-nobbli Girolamo Balaguer lill-patrijiet fl-1540, li kien hemm marbuta magħha l-kundizzjoni li fil-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju, li għalih għamel l-għotja, l-artist jinkludi fih ix-xbieha ta' San Duminku. Fl-istess sena, Antonio Baldacchino kien waqqaf artal iddedikat lill-Viżitazzjoni tal-Madonna. Fil-kwadru kkummissjonat minnu, flimkien mal-Madonnna u Santa Eliżabetta, kien talab lill-pittur li jinkludi wkoll lil San Ġwann Battista u lil San Duminku. L-istess kien għamel l-Ispanjol Francesco Iniques disa' snin wara, meta għall-kappella ġdida tar-Rużarju, li kien bena fil-Knisja tal-Lunzjata, kien ikkummissjona pittura bl-istess suġġett għand l-artist magħruf Siracusan Girolamo Spagnuolo, li kien għamel żmien residenti fil-Birgu.

Flimkien ma' dawn, fiż-żjara pastorali li l-Isqof Gargallo għamel fl-istess knisja fl-1579, allura 51 sena wara li din kienet għaddiet għand l-Ordni Dumnikan, tħalla miktub li fiha kien hemm kappella ddedikata lil San Duminku, bi kwadru tal-qaddis flimkien ma' qaddisin oħra Dumnikani.



L-artal bix-xbieha ta' San Duminku ta' Sorianao fil-kappellun tal-Knisja l-qadima

Ta importanza mhix żgħira kien hemm il-kwadru attribwit lil Caravaggio, li sar aktar tard għall-istess kappellun minflok dak antik. Dan kien jinkludi fih lill-qaddis taħt it-titolu *ta' Soriano*, li sa mill-ewwel snin tas-seklu sbatax, id-devozjoni lejn il-qaddis taħt dan it-titolu kienet xterdet ħafna, speċjalment fi Sqallija, u ma setax jonqos li ma tasalx f'Malta wkoll. Hemm ukoll wieħed mill-kwadri laterali fil-kor tal-knisja l-antika li ġġarfet fil-gwerra, impitter min Nicoló Buhagiar jew Francesco Zahra qrib l-1748. B'żieda ma' dawn, hemm kwadri artistiċi oħra, li saru fi żminijiet aktar qrib, kollha xogħlijiet mill-isbaħ ta' artisti magħrufa. Fost dawn kien hemm dawk ta' Ġużeppi Calì u Lazzaru Pisani, fil-kappella, fis-saqaf tal-kursija u fi bnadi oħra fil-Knisja li kollha kienu fost it-teżori li ntilfu fil-gwerra li għaddiet.

Aktarx li l-ewwel patrijiet li waslu l-Birgu, kienu ġiebu magħhom mir-Rabat kwadru mill-eqdem, li sal-lum għadu fir-refettorju tal-kunvent. Jikkonsisti f'bust ta' San Duminku minn

artist mhux magħruf, li l-pittur rinomat Lazzaru Pisani kien ikklassifikah bħala xogħol tas-Seklu Ħmistax.

Meta l-Lunzjata nbniet mill-ġdid wara d-disfatta tal-gwerra, mal-lista tal-artisti msemmija, li fl-imgħoddi għanew din il-Knisja bit-talenti tagħhom, żdied Emvin Cremona, bi xbieha ta' San Duminku jirċievi l-Kuruna tar-Rużarju mingħand il-Madonna fil-kwadru titular tal-Kappella tar-Rużarju. Miegħu, permezz tal-kwadru fuq l-artal tal-Kappellun iddedikat lill-istess Qaddis, żdied xogħol ta' Ġanni Vella, li għażel li jippreżenta lil San Duminku fil-Glorja.

## Statwi fuq Ġewwa u fuq Barra

Mhux magħruf jekk fl-imgħoddi mbiegħed, flimkien mal-kwadri msemmija, fil-Lunzjata kienx hemm xi statwa tal-Qaddis. L-ewwel waħda li niltaqgħu magħha hi dik imsemmija mill-istoriku Castagna fil-ktieb tiegħu *Storja ta' Malta u Għawdex*. Fil-lista ta' xogħlijiet tal-istatwarju Peppi Vella, isemmi statwa ta' San Duminku li Mastru Pepp kien għamel għall-Knisja tal-Lunzjata tal-Birgu fl-1849. Din l-istatwa kienet saret mill-Fratellanza tar-Rużarju, biex issieħeb dik tal-Madonna fil-purċissjoni nhar il-festa tar-Rużarju. Skont reġistru tal-kontijiet tal-Fratellanza, għaliha mastru Pepp kien tħallas is-somma ta' 70 skud; 50 minnhom għotja minn żewġ benefatturi. Din l-istatwa kienet dik deskritta bħala *'l-antika'*, li kienet tinżamm fis-sagristija tal-oratorju tal-Fratellanza, li f'Konsulta Ġenerali tal-Fratellanza li nżammet fit-23 ta' Frar 1911, ġie approvat li tingħata lid-Dumnikani tar-Rabat. Dan jaqbel ma' dak li kienu jgħidu l-antiki, li l-istatwa li hemm fil-Knisja tal-Madonna tal-Għar kienet għotja mid-Dumnikani tal-Birgu.


Ix-Xbieha antika fir-Refettorju

It-tieni statwa ta' San Duminku dokumentata fil-kronaka tal-kunvent hija dik li qiegħda f'niċċa fi Triq Pawlu Boffa, taħt it-Torri ta' San Ġwann. Il-kronista kiteb li xi devoti ta' San Duminku kienu ilhom bix-xewqa li f'niċċa vojta li kien hemm mas-Sur ta' Provenza, kif tidħol mill-bieb li jġib l-istess isem, titqiegħed statwa tal-Qaddis.

Patri Duminku Burzio, Pirjol tal-Komunità, flimkien mal-Patrijiet Ġużepp Decelis u Domink Pace, f'Mejju tal-1877, ressqu rikors lill-Kurja Veskovili u miegħu applikazzjoni għall-permess lill-Awtoritajiet Ċivili biex, fin-niċċa msemmija titqiegħed statwa ta' San Duminku. Wara li dawn ġew milqugħin, bdew jinġabru l-flus meħtieġa biex jintlaħaq dan il-għan.


San Duminku tal-Fratellanza tar-Rużarju xogħol Peppi Vella

L-inkarigu biex tiġi skolpita din l-istatwa b'daqs ta' seba' piedi u erba' pulzieri, fuq pedestall għoli żewġ piedi, ingħata lill-iskultur Anton Busuttil. Dan beda x-xogħol f'Mejju tal-istess sena f'gabbana tal-injam li kien hemm fir-rokna fuq is-Sur tal-Kurdari taħt it-Torri ta' San Ġwann.

L-istatwa mixtieqa kienet lesta fi żmien tliet xhur u nhar l-4 ta' Awwissu, tard wara nofsinhar, saret iċ-ċerimonja tat-tberik mill-Pirjol, assistit minn P. Domink Pace. Kif din intemmet,




**Statwa fin-niċċa fi-Triq Pawlu Boffa**

l-istatwa tgħabbiet fuq karru misluf mingħand il-militar u mill-gabbana fejn tnaqqxet tqiegħdet f'postha fost il-briju minn folla kbira li nġabret sa minn kmieni.

Fl-1948, wara li nfetħet Triq Boffa, in-niċċa ġiet spustjata fejn hi llum; ftit passi bogħod minn fejn kienet qabel. Ġiet inawgurata u mbierka nhar it-28 ta' Awwissu, lejliet il-festa ta' dik is-sena. Dakinhar, wara t-Translazzjoni, il-*Banda Prince of Wales Own,* għall-ewwel darba minn meta ntemmet il-gwerra, għamlet marċ tul triqat il-parti ta' fuq tal-Birgu, li ntemm quddiem in-niċċa l-ġdida. Wara diskors tal-okkażjoni minn P. Tumas Xerri OP., saret iċ-ċerimonja tat-tberik mill-Provinċjal P. Ġużepp Xuereb OP., segwita bl-Innu Kalaroga mill-Banda msieħba mill-kant tal-folla preżenti. L-entużjażmu li qanqlet din iċ-ċerimonja u l-formazzjoni mill-ġdid tal-Banda Prince of Wales Own għal dik l-okkażjoni kienu l-imbuttatura li qajmet mill-ġdid il-festa esterna ta' San Duminku, li kienet waqfet għal kollox wara t-traġedja tal-gwerra.



**San Duminku fil-kjostru tal-Kunvent**

Fost l-istatwi ta' San Duminku, mhux ta' min iħalli barra statwa tal-ġebel oħra mill-isbaħ li qiegħda fil-kjostru tal-kunvent. Ftit hemm tagħrif dwarha. Għalkemm żgħira, kienet tnaqqxet b'sengħa mill-aqwa. Patrijiet anzjani jiftakru li, sa ma ġġarraf il-kunvent fil-gwerra, din kienet fit-taraġ li jwassal għall-ewwel sular.

## Statwa fil-Pjazza

Fost it-tiżjin fit-toroq tul jiem il-festa, kienet tolqot l-għajn statwa ta' San Duminku, xogħol sabiħ tal-istatwarju Giovanni Darmanin, li mill-1879 bdiet tintrama' fuq kolonna fi Pjazza tal-Birgu fost briju mill-folla numeruża li kienet toħnoq il-pjazza. Kienet saret kolonna apposta għaliha fuq disinn tal-istess Darmanin u xogħol kollettiv tal-imgħallmin Lorenzo Forté, Antonio Merilli, Luigi Fenech, Giacchino Sevasta u Antonio Farrugia. Mill-1881 mal-briju tal-folla tas-sentejn preċedenti, żdiedet ukoll il-banda, b'dimostrazzjoni entużjażmanti bl-istatwa, li kienet tibda minn ħdejn il-Kunvent tal-Lunzjata sal-pjazza msemmija. Ħasra li din l-istatwa storika kienet fost l-opri li ntilfu fil-gwerra. Iżda kif għad naraw 'il quddiem, ma kenitx telfa totali.

It-tlugħ ta' statwa b'dimostrazzjoni simili, s'issa,



**San Duminku ta' Giovanni Darmanin li mill-1879 bdiet tintrama fuq il-kolonna fil-Pjazza**

ma ltqajna mkien li kienet issir f'xi festa oħra. Allura nistgħu nikkonkludu li din aktarx kienet l-ewwel dimostrazzjoni tax-xorta tagħha li, aktar tard, tant saru popolari f'ħafna mill-festi Maltin. Sal-1895, din id-dimostrazzjoni kienet iċ-ċelebrazzjoni prinċipali tal-festa esterna fil-Birgu, billi l-purċissjoni ta' nhar il-festa kienet nieqsa, għax l-approvazzjoni tal-Isqof tad-Djoċesi kienet għadha ma ngħatatx.

## L-Ewwel Statwa Proċessjonali

Statwa ta' San Duminku magħmula fil-kartapesta mill-istess statwarju Giovanni Darmanin, kienet saret mill-Komunità tal-Kunvent tal-Lunzjata, b'sehem indaqs mal-Fratellanza tar-Rużarju, biex tinħareġ flimkien mal-istatwa tal-Madonna fil-purċissjoni nhar il-festa tagħha. Fuq parir tal-istatwarju, saret xi ftit akbar min-natural, wara li osserva li l-pedestall għaliha kien sar xi ftit għoli u meta jiżdied il-bankun, l-istatwa kienet ser tiġi xi ftit aktar għolja min-normal.


San Duminku ta' Giovanni Darmanin f'waħda mill-festi qabel 1900

Il-pedestall għaliha kien sar mill-iskultur Luigi Fenech u ndurat minn Giuseppe Farrugia tal-Belt. Il-bankun inħadem mill-imgħallem Pietru Borg, li kien ħu l-pirjol ta' dak iż-żmien. L-istatwa, il-pedestall, il-bankun u l-vażuni għall-fjuretti, kienu swew 38 Lira Sterlina u 10 Xelini.

Il-wasla tal-istatwa ġdida fil-Birgu tħalliet għat-12 ta' Settembru 1882. Dakinhar, tard wara nofsinhar, ittellgħet fil-Knisja b'dimostrazzjoni li bdiet mix-Xatt, għaddiet mill-Pjazza u 'l fuq minn Triq il-Mina l-Kbira. Kien programmat li jkun hemm ukoll banda, iżda l-permess mill-Pulizija baqa' ma ngħatax.


San Duminku ta' Cremona

## Tasal l-Istatwa ta' Cremona

Fl-1895, supplika li għamlet il-Komunità tal-Kunvent tal-Lunzjata ġiet milqugħha mill-Kurja. Id-digriet ta' approvazzjoni mill-Isqof Pietru Pace ħareġ nhar il-31 ta' Lulju ta' dik is-sena stess; seba' ġimgħat qabel il-festa. Għal din l-okkażjoni speċjali, il-patrijiet xtaqu li ssir statwa ġdida minflok dik li kienet toħroġ mal-Madonna fil-festa tar-Rużarju.

Minkejja ż-żmien limitat li kellu, l-istatwarju Vincenzo Cremona aċċetta l-kummissjoni u wiegħed li sal-festa l-istatwa ordnata tkun għandhom. Cremona żamm kellmtu. It-Tlieta 10 ta' Settembru, fil-5.30 p.m, mill-ħanut tiegħu f'Tas-Sliema l-istatwa tgħabbiet fuq dgħajsa li kellha twassalha sax-Xatt tal-Birgu. Għal ħabta tat-8.00 ta' filgħaxija, tfaċċat minn wara Kastell Sant'Anġlu u l-folla li

kienet tistennieha laqgħetha bi briju mill-aqwa. Tniżżlet mal-moll quddiem il-Fran tal-Ammirall (illum il-Mużew Marittimu). Hemm, flimkien mal-folla, kien hemm tilqagħha wkoll il-Banda Duke of York's Own (illum Prince of Wales Own ), li b'marċi brijużi flimkien ma' sparar ta' musketteriji u ħruq ta' gassijiet, wasslitha sal-Knisja Dumnikana tal-Lunzjata minn Triq San Lawrenz lejn il-Pjazza u Triq il-Mina l-Kbira. Iċ-Ċerimonja tat-Tberik, saret l-għada filgħodu mill-Provinċjal P. Vincenz Schembri OP.

Ir-rapport dwar il-wasla ta' din l-istatwa fil-Birgu, li kien deher fil-ġurnal *Malta Tagħna* tal-15 tax-xahar, kien intemm b'dan il-kumment:

*Dawk li raw l-istatwa stqarrew kemm Cremona kellu biex jiftaħar. Wiċċ l-istatwa hu tant perfett li donnu ser ikellmek. Intgħoġbot ukoll il-pożizzjoni tal-Qaddis.*

*Għandna s-sodisfazzjon ukoll li l-istatwa, minflok li nġiebet minn barra, kif xi drabi kien qed isir, kienet saret lokalment.*

Billi pedestall għaliha ma kienx sar, il-pirjol sejjaħ laqgħa għall-membri tal-Fratellanza tar-Rużarju fejn talabhom biex ikun jista' jintuża l-pedestall tal-Madonna tar-Rużarju billi ieħor disponibbli kien xi ftit imkagħbar. Il-fratelli taw il-kunsens tagħhom unanimament. B'hekk kollox kien lest għall-ewwel purċissjoni tant mistennija.

## Festa Sospiża

Il-programm ta' jum dik il-festa speċjali kien mimli daqs bajda. Il-Matutin kien programmat għall-5.15 ta' filgħodu, segwit minn għadd ta' quddies minn diversi saċerdoti viżitaturi, segwiti bil-Quddiesa Solenni.

Fit-3.00 ta' wara nofsinhar, kellu jsir il-paniġierku minn P. Vincenz Cremona OP u sagħtejn wara, kellha tibda ħierġa l-purċissjoni.


San Duminku tad-Ditta Zanazio

Iżda fl-4.30 ta' filgħodu tal-jum mistenni, meta l-qniepen tal-Lunzjata ġa kienu bdew iħabbru s-solennità tal-festa, ħassu ħażin u miet malajr fil-kunvent P. Ġużepp Ġjaċint Vassallo OP. Dan il-patri u ħuħ Patri Ġulju kienu maħbubin ħafna mis-sostenituri tal-Komunità Dumnikana tal-Birgu, billi kkontribwew ħafna, permezz ta' diversi għotjiet ta' opri artistiċi, għat-tisbieħ tal-Lunzjata. Għalhekk ma setax jonqos li l-mewt tiegħu ma tnissilx niket kbir u ma kinetx sorpriża meta, aktar tard, tħabbar li l-festa ġiet sospiża. B'hekk, l-istatwa ta' Cremona baqgħet ġewwa.

Hu probabbli li d-deċiżjoni li tiżżanżan statwa ġdida fl-ewwel purċissjoni kienet xi ftit imgħaġġla u aktarx mhux kif xtaqu l-membri tal-Fratellanza tar-Rużarju. Jidher li x-xewqa tal-fratelli kienet dik li toħroġ l-istatwa ta' Darmanin, kif kien ilu jsir fil-festa tar-Rużarju, sa mill-1882. Għalhekk, meta qorbot l-ewwel purċissjoni fil-festa, li kellha tiġi ċċelebrata sena wara, ġie deċiż li minflok ta' Cremona, tibqa' toħroġ dik ta' Darmanin. L-istatwa l-ġdida, minkejja l-kritika favorevoli li kienet saret mill-ġurnali sena qabel, kienet instabilha post xieraq f'wieħed mill-kuriduri tal-kunvent u għamlet hemm sal-1907. Kif għad naraw 'il quddiem, kellha tkun hi, li mingħajr ħsieb, kellha żżanżan il-pedistall, il-bradella u l-bankun artistiċi tal-lum. Sfortunatament, din l-istatwa kienet intilfet meta ġġarraf il-kunvent fil-gwerra f'Jannar tal-1941.

## It-Tielet Statwa

Meta kienet qed toqrob il-festa li kellha tiġi ċċelebrata fis-seklu l-ġdid, kien mixtieq li minflok ta' Darmanin issir oħra ġdida fuq dik li hemm fil-Vatikan. Għal dan il-għan, fil-bidu tal-1900,

kienet ġiet ordnata waħda għand il-Fabbrica Rosa Zanazio & Comp. ta' Ruma, li skolpietha f'dik li ġiet deskritta *carbon-pietra*. Kienet swiet 40 Lira Sterlina, somma li kienet inġabret minn Ġużeppi Mamo, li kien il-kok tal-Kunvent.

Il-wasla ta' din l-istatwa kienet ingħatat prominenza mill-ġurnali *Malta* u *Malta Tagħna*, fil-ħarġiet tagħhom tal-1 ta' Settembru 1900. Minn dawn nieħdu stampa ta' dak li seħħ f'dawk il-jiem. Inkiteb li l-istatwa waslet Malta lejn tmiem Awwissu u fis-27 tax-xahar, Ġużeppi Mamo, li kien ġabar il-fondi għaliha għadda uffiċjalment id-dokumenti ta' donazzjoni lill-Knisja tal-Lunzjata lill-pirjol.

Tħalla miktub li mal-wasla tagħha, kienet inżammet x'imkien Bormla, aktarx fil-Knisja ta' Santa Tereża. Il-miġja tagħha fil-Birgu tħalliet għal Ħadd 2 ta' Settembru fl-4.15 ta' wara nofsinhar. Dakinhar, in-nies bdiet tinġama' kmieni, lesta biex twassal l-istatwa b'dimostrazzjoni animata mill-Banda Duke of York's Own, li mxiet fuq quddiem iddoqq marċi brijużi.

Il-kummenti ta' dawk li marru jarawha kienu mill-aħjar. L-istess ġurnali kienu rraportaw li l-imgħallmin Manweli Decelis u Giovanni Darmanin kienu fost il-ħafna li faħħruha.

M'hemmx dubju li, biex jaraw l-istatwa ġdida, għall-festa ta' dik is-sena kienu ser jidħlu l-Birgu aktar nies u l-kummissjoni tal-festa ħasbet li jinġiebu wħud mill-aħjar baned tal-mument. Daħlu l-baned La Valette, tal-Belt, San Giorgio, ta' Bormla, Duke of Edinburgh tal-Birgu, San Michele ta' Ħaż-Żabbar, San Gaetano u San Giuseppe tal-Ħamrun, Queen Victoria ta' Tas-Sliema u De Rohan ta' Ħaż-Żebbuġ. Skont kif ingħad wara, dawn kienu għamlu programmi li ntgħoġbu minn kulħadd.

## Ordnata Statwa oħra

Sa mill-bidu tas-Seklu Għoxrin, ħafna bdew juru x-xewqa għal pedestall ġdid tal-fidda, bradella u bankun. Għalhekk, fl-1903 beda l-ġbir minn fost is-soste
nituri tal-festa u meta kien hemm fondi biżżejjed inbeda x-xogħol. Ftit wara, inħass li kien xieraq li flimkien magħhom tiżżanżan statwa ġdida proporzjonata mal-qisien tagħhom. Aktarx li dan ġie deċiż wara li l-istatwa li kien hemm, meta tqiegħdet fuq l-abbozz tal-pedestall propost, li kien għamel l-imgħallem Azzopardi tal-Imsida, dehret li kienet xi ftit żgħira fuqu. Għalhekk ġie deċiż li l-istatwa tinbidel ma' oħra aħjar.

Il-bradella u l-bankun bdew jinħadmu hawn fuq disinn ta' Ġużè Decelis, li ħa ħsieb ukoll l-intarsjar fuqhom. Il-karpenterija tħalliet f'idejn Salvu Merilli u l-iskultura ngħatat lill-aħwa Ġużeppi u Manweli Drago. Il-pedestall ġie kummissjonat għand id-Ditta Ghezzi ta' Milan, ditta magħrufa għax-xogħlijiet mill-isbaħ fil-fidda. L-istatwa, bħal dik ta' qabilha, ġiet ordnata għand il-Fabbrica Zanazio ta' Ruma.

L-ewwel li kienu lesti kienu l-bradella u l-bankun. Warajhom, fl-24 ta' Awwissu 1907 wasal minn Milan il-pedestall, li ntgħoġob fuq li ntgħoġob. L-aħħar li waslet Malta kienet l-istatwa. Din waslet fl-24 ta' Settembru ftit jiem qabel il-festa u ntramat minnufih fil-knisja fl-ewwel jum tat-Tridu. Il-kummenti dwarha ma tantx kienu sbieħ. Ġie nnutat li aktarx kien hemm nuqqas ta' ftehim meta saret l-ordni għaliha. Id-ditta Zanazio, probabbilment, ma ġietx infurmata li l-istatwa kienet biex tinħareġ proċessjonalment fuq l-ispallejn. Għalhekk, il-fabbrika skolpietha f'injam tqil u nstab li kienet tiżen 160 ratal.

Minn korrispondenza li dehret fil-ġurnal *Malta Tagħna* fil-ħarġa tat-12 ta' Ottubru 1907, sar magħruf li fuq deċiżjoni meħuda f'Kunsill tal-patrijiet, din ittieħdet lura fil-kunvent u minflokha ġiet addattata l-istatwa li kien għamel Cremona 12-il sena qabel. Il-korrispondent ried jaf ir-raġuni għaliex sar dan u żeffen fin-nofs lil Ġużè Decelis li, fil-fehma tiegħu, dan kien naqas li jagħti parir lill-patrijiet qabel għamlu l-ordni.

Għal din ir-rimarka li saret dwaru, Decelis wieġeb fl-istess ġurnal sebat ijiem wara. Kiteb illi

huwa kien ta l-parir li l-istatwa tiġi skolpita Malta, preferibbilment mill-iskultur Sciortino. Iżda l-patrijiet ħasbuha mod ieħor u sar dak li sar. Għall-istorja, ta' min jgħid li, aktar tard, l-istatwa ta' Zanazio, li għalkemm tqila, hi mill-isbaħ, tqiegħdet fil-kappella li d- Dumnikani tal-Birgu għandhom fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata.

Minkejja dawn id-diffikultajiet, il-festa kienet irnexxiet ħafna. Ta' min jgħid li, minbarra l-opri li żżanżnu dik is-sena kien hemm avvenimenti ġodda li mhux ta' min iħallihom barra.

Fil-funzjonijiet fil-Knisja, għalkemm l-orkestra, bħal fis-snin preċedenti, ġiet diretta mis-Surmast Riccardo Bugeja, dik is-sena, il-mużika li ġiet esegwita ma kinetx tiegħu, iżda tal-kompożitur Taljan Mro. Toschini. Ir-raġuni kienet li l-kompożizzjonijiet li Bugeja kien għamel sa dak iż-żmien ma kinux konformi mal-*Motu Proprio* li kien ħareġ Piju X, fl-1903. Dan il-Papa kien abolixxa mill-knejjes l-esekuzzjoni ta' mużika b'xeħta profana, kif bosta drabi kien isir dak iż-żmien. Ta' min jinnota, li ħafna minnhom tant kienu jkunu profani, li spiss kienu jindaqqu wkoll mill-baned fiċ-ċelebrazzjonijiet esterni, jew minn orkestri fit-teatri.

Xi ħaġa ġdida oħra li bdiet ukoll minn dik is-sena fil-festa ta' San Duminku fil-Birgu, kien il-panigierku. Dan minflok nhar il-festa filgħaxija, qabel toħroġ il-purċissjoni, kif kienet l-użanza dak iż-żmien, beda jsir waqt il-quddiesa solenni ta' filgħodu. Dakinhar, kien għamlu P. Angelo Portelli OP, li aktar tard kien ġie kkonsagrat Isqof.

## Statwa minn Lecce

Lejn tmiem l-1911, fost is-sostenituri dumnikani nibtet ix-xewqa għal statwa addattata aktar minn dik ta' Cremona għall-pedestall u bradella artistiċi li kienu saru erba' snin qabel, billi dik l-istatwa fuqhom kienet tidher xi ftit żgħira.



San Duminku ta' Lecce meta wasal il-Birgu fl-1913

Ħa l-inizjattiva, għal darb' oħra, il-kok tal-kunvent Ġużeppi Mamo. Din id-darba, imsieħeb mill-prokuratur tal-festa P. Klement Portelli OP. It-tnejn flimkien kienu ħadu l-inkarigu għall-ġbir tal-fondi meħtieġa. Meta nġabru flus biżżejjed, ġiet ordnata statwa mingħand il-*Fabbrica Caretta* ta' Lecce, l-Italja.

Din waslet hawn xi jiem qabel il-festa, li fl-1913 ġiet iċċelebrata fil-21 ta' Settembru. Il-wasla tagħha tħabbret bi prominenza f'uħud mill-ġurnali ta' dawk il-jiem. L-aktar li elabora kien il-ġurnal *Malta Tagħna* fil-ħarġa tat-13 tax-xahar. F'dik il-ħarġa kien deher dan li ġej:

Dal-ġranet kellna x-xorti naraw statwa bil-wisq famuża miġjuba minn Lecce. Din tirrapreżenta lil San Duminku jipprietka b'riġlejh jistrieħu fuq id-dinja. Din inġiebet għall-Knisja tal-Lunzjata tal-Birgu biex tiżżanżan għall-festa li ġejja. Din l-istatwa, kollha ta' novità, hija ta' ġmiel liema bħalu u ta' delikatezza ta' xogħol li ftit għadna rajna bħalu. Għal dawk li huma panneġġi, kuluri, daqs u pożizzjoni kollha huma armonija waħda.

Għax kollox hu milqut kif titlob l-arti. Din titqies waħda mill-isbaħ statwi li qatt ħarġu mill-fabbrika ta' Lecce, għax żgur ma tixba' qatt tħares lejha.

Ma setax jonqos li l-purċissjoni ta' dik il-festa partikulari, meta żżanżnet statwa ġdida, ma tqanqalx xi ftit aktar entużjażmu fost is-sostenituri tal-Komunità Dumnikana. L-Isqof

Anġlu Portelli OP, li mexxa l-purċissjoni, biex ikun konformi mar-regola ta' dak iż-żmien, li l-purċissjonijiet ma jittardjawx iżżejjed, ħa ħsieb jikkontrolla billi nsista li r-relikwija ma tidħolx fil-knisja qabel tidħol l-istatwa.

Avvenimenti oħra li ġibdu l-attenzjoni ta' wieħed mill-ġurnali kien li, madwar l-istatwa, tul il-purċissjoni kollha, kor kompost minn 80 tifel, imħarreg minn P. Rikardu Born OP minn xhur qabel, kantaw innijiet ta' tifħir lil San Duminku tul il-purċissjoni kollha.

Żewġ marċi ġodda, aktarx marbutin mal-wasla tal-istatwa l-ġdida, kienu nkitbu mis-Surmast Lorenzo Gonzi. Wieħed semmieh *Ingressso Trionfale* u l-ieħor *Gioie Serene*. It-tnejn li huma kienu ndaqqu bosta drabi mill-Banda *Prince of Wales Own* waqt il-Marċ tat-*Te Deum* ta' dik is-sena. Forsi wkoll, bħala tifkira ta' dik l-okkażjoni, xi ammiraturi tal-*Banda Prince of Wales Own* ippreżentawlha stendard mill-isbaħ, li kien ġie ddisinjat minn Ġużè Decelis.

## Ta' Darmanin u ta' Camilleri Cauchi

Ftit wara li ntemmet il-gwerra, minkejja t-telfa tal-knisja u l-kunvent, u magħhom ħafna mill-armar tat-toroq, ammiraturi dedikati u determinati, il-festa esterna ta' San Duminku, qajl qajl, reġgħu qajmuha mill-ġdid. Kien għalhekk li nibtet ix-xewqa li terġa' ssir statwa ġdida tal-qaddis biex tittella' bil-briju fuq kolonna fl-aħħar jum tat-tridu, kif kien isir fl-antik. Din kompliet issaħħet meta sar magħruf li l-forma ta' dik antika ta' Ġovanni Darmanin, magħrufa bħala *il Colosso* kienet għaddiet għand l-istatwarju Karmenu Mallia, magħruf bħala *l-Lhudi*.

Fuq inizjattiva personali ta' Patist Costantino, fl-1950 l-istatwa kienet lesta. Iżda għal diversi raġunijiet, l-iskop li għalih saret ma ntlaħaqx qabel l-1957, seba' snin wara. Fil-festa ta' dik is-sena, l-istatwa ttellgħet fuq kolonna ġdida, xogħol l-imgħallem Bormliż imlaqqam *is-Sillar*. It-tlugħ tagħha, għall-ewwel darba minn wara l-gwerra, qanqal entużjażmu kbir li ssarraf f'dimostrazzjoni u briju mill-aqwa imseħbin mill-marċi ferrieħa tal-*Banda Prince of Wales Own*. Iżda b'differenza minn qabel il-gwerra, minflok fil-Pjazza tal-Birgu, din ittellgħet fi Triq it-Torri ta' San Ġwann taħt il-Kavallier ta' San Ġakbu. Baqgħet tittella' hemm tliet snin biss, għax mill-festa ċċelebrata fl-1960 bdiet tittella' fi Triq Il-Mina l-Kbira, quddiem il-każin tal-*Banda Prince of Wales Own*, sakemm finalment, mill-festa ċċelebrata fl-1991 reġgħet sabet postha mill-ġdid f'Misraħ ir-Rebħa, kif kien isir sa minn 112-il sena qabel.



**It-tlugħ fuq il-Kolonna għall-ewwel darba wara l-gwerra**

Dan seħħ għax dik is-sena kienet saret statwa ġdida biex tibda tittella' minflokha qudddiem il-każin tal-Banda. Hija xogħol mill-isbaħ fil-kartapesta tal-iskultur Mikiel Camilleri Cauchi. Din qed tittella' bi briju mill-aqwa li toħloq bil-marċi tagħha l-*Banda Prince of Wales Own,* fl-aħħar jum tat-Tridu, u titniżżel bi briju xejn anqas, wara dħul il-purċissjoni tal-festa.

## Oħra Ġdida Proċessjonali

Kif ġara, għal xi raġuni jew oħra fl-imgħoddi, għal darb' oħra, nibtet bla mistenni l-ħtieġa,

li l-istatwa proċessjonali magħrufa bħala *ta' Lecce*, li kienet ilha tinħareġ sa mill-1913, tinbidel ma' oħra ġdida. Dan seħħ meta kien jonqos 10 xhur għall-festa li kellha tiġi ċċelebrata fl-1986.

Wara l-purċissjoni fil-festa tal-Madonna tar-Rużarju ċċelebrata fl-1985, meta bħas-soltu, mal-istatwa tal-Madonna, ħarġet ukoll dik ta' San Duminku, inkixef li din kienet tinħtieġ xi restawr. Għal dan kien intgħażel l-istatwarju Għawdxi Mikiel Camilleri Cauchi. Wara li dan eżamina l-istatwa, sab li l-ħsara kienet aktar milli ħasbu u kien tal-fehma li jkun aħjar li ssir oħra ġdida. Il-Komunità Dumnikana laqgħet is-suġġeriment tiegħu u x-xogħol kellu jibda fi żmien qasir, biex din tkun lesta għall-festa li kellha tiġi ċċelebrata fl-1986.

Meta l-festa kienet qed toqrob sewwa, fost il-Komunità u s-sostenituri Dumnikani kienet tinħass ċerta tensjoni, billi l-istatwa kienet għadha fil-ħanut tax-xogħol tal-artist. Iżda daqs ġimgħa qabel il-festa, kien hemm serħan il-moħħ, għax għalkemm kien għad fadal xi rtokk xi jsir fuqha, l-istatwa nġiebet il-Birgu u dak li kien jonqos tkompla fil-kunvent. Iċ-ċerimonja tat-tberik saret minn Patri Damjan Hardie OP, Pirjol tal-Komunità, is-Sibt 21 ta' Awwissu, tmint ijiem qabel il-festa.


San Duminku ta' Michael Camilleri Cauchi 1986

Dawk li rawha setgħu jammiraw il-ħila tal-istatwarju li, kif kien mixtieq, żamm mal-istess linji ta' dik ta' qabilha iżda sawwarha aktar movimentata bir-riżultat li rnexxielu joħroġ wieħed mill-aħjar xogħlijiet tiegħu li saru f'dawn l-aħħar snin.

Sadanittant, l-istatwa '*ta' Lecce*', wara li ġiet restawrata minn Salvinu Zammit u Dr. Joseph Saliba, il-Komunità Dumnikana rregalatha lill-*Għaqda Filarmonika* Prince of Wales Own. Din tqiegħdet f'niċċa fit-taraġ prinċipali tal-Każin, bħala tifkira tal-għaqda tas-Soċjetà ma' San Duminku u l-festa tiegħu f'din il-belt, li tmur lura sa mit-twaqqif tagħha fl-1891.

L-ammirazzjoni tas-sostenituri Dumnikani għal din l-istatwa ġiet konfermata l-aktar meta din tfaċċat għall-ewwel darba fil-bieb tal-Lunzjata waqt il-ħruġ tal-purċissjoni nhar il-festa ċċelebrata dik is-sena. Ammirazzjoni u entużjażmu li kompla joktor minn sena għal oħra, kif jixhed ħruġ u dħul il-purċissjonijiet tal-festi ċċelebrati minn dakinhar sal-lum.

**Bibliografija**

*Giuliana Conv. Ssma. Annunziata*, Ms. 22.1 – Ms.22.5.
M. Fsadni, *Id-Dumnikani fir-Rabat u fil-Birgu*, Malta, Stamperija 'Il-Ħajja', 1974
*Malta Tagħna*, 1,13,20,29 ta' Settembru 1900
*Malta,* 23 Settembre 1907.
*Arkivju tal-Fratellanza tar-Rużarju Vittoriosa*, Reg. 'A'
Attard A, *Programm Festa S. Duminku, Birgu, 1995 u 2002*
D'Emanuele Ċ, *Programm Festa S. Duminku Birgu, 2007.*

Ħajr lis-Sur Ċensu D'Emanuele għat-tagħrif li għaddieli dwar il-biċċa l-kbira ta' dak li seħħ mis-snin ta' wara l-gwerra 'l hawn.